MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-13 ta' Mejju, 2010

Citazzjoni Numru. 397/2010

**Anthony Cascun u martu Mary Cascun.**

**vs**

**Carmelo Frendo u Alison Cilia.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta’ Anthony Cascun (328557M) u martu Mary Cascun (192462M) datat 21 ta’ April 2010 a fol 1 tal-process fejn jikkonferma: -

Illi l-esponenti Anthony u Mary konjugi Cascun huma kredituri tal-intimati, flimkien u *in solidum* bejniethom, ghas-somma ta’ tmintax-il elf, erba’ mija u tnejn u sebghin ewro u tlieta u ghoxrin centezmu (€18,472.23), bilanc tal-prezz ta’ frott u haxix mibjugh u konsenjat lilhom.

Illi minkejja li l-intimat Carmelo Frendo wieghed diversi drabi lill-esponenti li kienu ser ihallsu l-ammont shih dovut minnhom, u minkejja li l-esponenti talbu l-hlas anke permezz ta' ittra ufficjali datata 7 ta' Settembru 2009, l-intimati sal-lum baqghu ma hallsux.

Illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi ghat-tenur tad-dispozizzjonijiet tal-**artikoli 167 sa 170 tal-Kodici tal-Procedura Civili (Kap. 12)** sabiex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smigh taghha billi d-dejn fuq imsemmi huwa cert, likwidu u skadut u billi sa fejn jafu l-esponenti, l-intimati ma ghandhom ebda eccezzjoni xi jressqu kontra t-talba ghall-hlas tal-imsemmi ammont.

Ghaldaqstant, prevja kull dikjarazzjoni li tirrizulta mehtiega, l-esponenti jitolbu bir-rispett li din il-Qorti joghgobha:

i) tipprocedi ghas-sentenza skont it-talba attrici bid-dispensa tas-smigh tal-kawza ghat-tenur tal-**artikoli 167 sa 170 tal-Kodici tal-Procedura Civili**; u

ii) tikkundanna lill-konvenuti, *in solidum* bejniethom, ihallsu lill-esponenti s-somma ta' tmintax-il elf, erba' mija u tnejn u sebghin ewro u tlieta u ghoxrin centezmu (€18,472.23) dovuta minnhom bi hlas tal-prezz ta' frott u haxix mibjugh u konsenjat lilhom kif fuq spjegat.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tad-9 ta' Settembru 2009, u bl-imghaxijiet kummercjali mid-data tal-imsemmija ittra ufficjali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimati li huma ngunti minn issa ghas-subizzjoni.

Rat illi l-intimati debitament notifikati fiz-zmien preskritt mil-ligi baqghu kontumaci u msejha tliet darbiet lanqas ma dehru;

Rat il-verbal tas-seduta tallum u x-xhieda tal-attur.

Peress li fic-cirkustanzi t-talba kif dedotta fir-rikors tidher gustifikata u jidher ukoll li hemm lok li s-sentenza tinghata bid-dispensa tas-smigh tal-kawza, skont il-procedura tal-

artikolu 167 *et sequitur* tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Proceduri Civili.

Tiddeciedi **billi tilqa' t-talba tar-rikorrenti** kif dedotta fir-rikors guramentat, bl-imghax mitlub u bl-ispejjez kontra l-intimati.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------